MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 33/2005/1

**Carmel sive’ Charles Camenzuli u martu Helen**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ressqu r-rikorrenti fit-18 ta’ Mejju 2005, li jaqra hekk:

Huma ilhom joqoghdu bhala unika residenza taghhom u ta’ uliedhom fil-fond 1B, Windmill Street, Valletta.

Sussegwentement, il-Kummissarju tal-Artijiet, ghaliex il-gvern qal li ghandu progett, beda jinsisti mal-esponenti li johorgu mill-fond li kien id-dar taghhom.

B’ordni mahruga taht il-Kap.228 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Kummissarju tal-Artijiet, fuq l-awtorita’ tieghu nnifsu moghti bil-ligi, u minghajr htiega jew access ghal decizjoni ta’ xi qorti jew tribunal, iddekreta li l-esponenti qed jokkupa l-fond in kwistjoni jew parti minnu bla titlu u kien qed jordna l-izgumbrament taghhom.

Din m’hijiex semplicement diskrezzjoni amministrattiva li dwarha tista’ ssir kawza halli Qorti tezamina l-att amministrattiv. Certament mhux ultra vires il-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghas-semplici raguni li l-ligi nnifisha taghtih is-setgha fuq kull Qorti u fuq kulhadd, u bil-firma tieghu, minghajr ma jaghti raguni jordna l-izgumbrament.

Ghalhekk, l-esponenti m’ghandu l-ebda rimedju ordinarju. Ghalhekk kellu jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali.

Il-lamentali tal-esponenti huma dawn li gejjin:

1. Il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta, kollu kemm hu jivvjola l-Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett. Kif inhi miktuba din il-ligi, il-poter gudizzjarju huwa eskluz ghal kollox, u l-persuna li tkun tirrisjedi f’bini jew art tal-gvern, li jista’ jkollha titlu, m’ghandha l-ebda rimedju biex jigi dikjarat li ghandha titlu u ma tistax titkecca.

2. Illi dan il-kap huwa diskriminatorju favur il-gvern u kontra l-inkwilin jew detentur, ghaliex ma hemmx l-istess regoli li japplikaw, kieku kien post privat. Il-kuntratti tal-gvern mhux l-istess bhall-kuntratti privati, u l-inkwilin ma ghandu hemm l-ebda protezzjoni, lanqas dik li jadixxi tribunal imparzjali u indipendenti. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem. Din hija diskriminazzjoni mill-istat u mil-legislazzjoni tal-istat bejn inkwilin u detentur ta’ fond tal-istat u l-istess persuna jekk is-sid taghha jkun il-gvern.

3. Illi fil-kaz partikolari, l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet jivvjola l-artiklu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea peress li

qed ifixkel lill-familja Camilleri fid-drittijiet tal-hajja familjari u tad-dar taghhom.

4. Illi inoltre, l-esponenti qed isoffru lezjoni taht l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea. L-izgumbrament huwa indhil fil-possessions taghhom, u dan mhux bil-mod u bil-kawteli previsti mill-istess Konvenzjoni.

Talbu l-atturi jghidu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta jivvjola l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Artiklu 6(1), u l-artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett.

Tiddikjara li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet, fil-kaz in disamina, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Art. 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk l-istess ordni mahruga minnu hija nulla u bla effett, u ghandha titqies bhala mhux maghmula u kancellata.

Tiddikjara li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Taghti kull rimedju iehor opportun, inkluz il-hlas ta’ danni ghall-vjolazzjonijiet imsemmija.

Taghti immedjatament ordni lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiddesisti bla pregudizzju sakemm tigi deciza din il-vertenza biex hekk ma ssirx vjolazzjoni ohra, u cioe’ li l-esponenti ma jkollhomx rimedju effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali u dan skond l-artiklu 13 tal-istess Konvenzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati, li in forza taghha eccepew illi:

L-esponenti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti li ghalhekk m'ghandhom ebda *locus standi* fil-kawza odjerna stante li huma la ghandhom u lanqas qatt kellhom titlu fuq il-fond 1B, Windmill Street, Valletta, u dan peress li l-unici kerrejja rikonoxxuti mill-Kummissarju tal-Artijiet kienu originarjament missier ir-rikorrent Vincent Camenzuli u sal-mewt tieghu giet rikonoxxuta omm ir-rikorrent Salvina Camenzuli. Ghalhekk, meta l-kirja giet terminata lill-kerrejja Salvina Camenzuli fil-31 ta' Marzu 2005, ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jibqghu jabitaw fil-fond in kwistjoni tant li l-istat attwali taghhom huwa ta' *squatters*.

In vista tas-suespost, ir-rikors promotur m'hu xejn hlief frivolu, vessatorju u qed isir b'abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu r-rikorrenti qed jippruvaw jinqdew b'kull mezz sabiex itawlu z-zmien li fih jibqghu jabitaw fil-post bla ebda dritt jew titolu fil-ligi.

Din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 stante d-disponibilita' ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju (kuntrarjament ghal dak li qed jghid ir-rikorrent) senjatament il-procedura ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva taht l-Art. 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Skond ir-rikorrenti, il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta, kollu kemm hu jivvjola l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni ghax fi kliemhom "m'ghandhom ebda rimedju biex jigu dikjarati li ghandhom titolu u ma jistghux jitkeccew".

L-esponenti jirribattu illi ghall-kuntrarju m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu ghar-ragunijiet segwenti:

Kif indikat fis-suespost, kwalunkwe azzjoni mehuda mill-Gvern a bazi tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta hija azzjoni amministrattiva soggetta ghall-proceduri ta' *judicial review* quddiem il-Qrati Maltin taht il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, ir-rikorrenti mhux qed jigu negati l-access ghall-Qorti;

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, sabiex jinghata rimedju m'hemmx ghalfejn illi kull ligi tipprovdi ghal tribunal *ad hoc* meta jezistu, bhal f'dan il-kaz, strutturi gudizzjarji ohra, u cioe' l-Qorti nnifisha, fejn ir-rikorrenti jistghu jressqu l-ilmenti taghhom;

Illi l-Kap. 228 mhux il-*forum* fejn wiehed ifittex li jipprova titolu;

Illi l-Qrati taghna kif inhuma mwaqqfa skond il-Kostituzzjoni indubjament huma indipendenti u imparzjali skond l-Artikolu 6 (1) tal-istess Konvenzjoni u r-rikorrenti ma allegaw ebda fatt kuntrarju ghal dan;

Illi r-rikorrenti ilhom jabitaw mal-genituri ta' Carmel Camenzuli ghal snin shah u allura jekk dehrilhom li seta' kellhom xi titolu fuq il-fond, kellhom kull opportunita' li jfittxu li jigu rikonoxxuti matul dawn is-snin;

Illi hadd mill-esponenti f'ebda stadju ma cahhad lir-rikorrenti milli jipprocedu quddiem il-Qrati, ghaldaqstant il-principju ta' *fair hearing* gie rispettat.

Isegwi ghalhekk illi l-ewwel parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Skond ir-rikorrenti, il-Kap. 228 huwa diskriminatorju favur il-gvern u kontra l-inkwilin jew detentur, ghaliex m'hemmx l-istess regoli li japplikaw, kieku kien post privat.

L-esponenti jirribattu li l-ewwelnett, l-Artikolu 14 jipprotegi lill-individwu minn diskriminazzjoni u mhux jippromwovi l-ugwaljanza fit-trattament. Ghalhekk, l-argument tar-rikorrenti li r-regoli m'humiex "l-istess" bhal dawk applikabbli kieku l-post kien privat huwa bla bazi.

Inoltre, qatt ma tista’ tallega diskriminazzjoni meta m’intix tqabbel ‘like with like’. Li kieku r-rikorrenti qed jigu trattati b’mod differenti minn dawk kollha li bhalhom qed jokkupaw fond proprjeta’ tal-Gvern bla titolu validu fil-ligi, allura kien forsi jkollu xi argument. Izda dan mhux il-kaz. Ghalhekk, ma jaghmel ebda sens li r-rikorrenti jallegaw diskriminazzjoni bejn min qed jokkupa proprjeta’ tal-Gvern bla titolu skond il-Kap. 228 u postijiet privati, anke ghax fil-kaz ta’ proprjeta’ tal-Gvern, din tinkera fil-kuntest ta’ *social housing* filwaqt li proprjeta’ privata tinkera ghal skopijiet totalment differenti. Mela r-regoli ma jistghux ikunu l-istess.

Barra minn hekk, lanqas biss gie indikat xi bazi ta’ diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Oltre dan, l-esponenti jsostnu li l-istess Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghall-kaz odjern, stante li r-rikorrenti ser jigu zgumbrati mill-fond mhux minhabba wiehed mill-kriterji elenkati taht l-istess Artikolu, izda ghaliex m’ghandhomx titolu validu fuq il-fond soggett ghall-izgumbrament.

Isegwi ghalhekk li t-tieni parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Skond ir-rikorrenti, l-izgumbrament huwa indhil fil-*possessions* taghhom.

L-esponenti jirribattu illi kif jghid tajjeb l-awtur Michael O’Boyle “for there to be a deprivation of his property, the applicant must, of course, demonstrate that he has a little to it”, li certament mhux il-kaz odjern, ghalhekk, l-okkupazzjoni bla titolu tar-rikorrenti ma tista’ qatt taghti lok ghal titolu favur il-possessuri anke skond il-ligi Maltija (Artikolu 527 tal-Kodici Civili).

Konsegwentement, l-agir tal-esponent Kummissarju tal-Artijiet mhux qed icahhad lir-rikorrenti mill-possediment ta’ fond li mill-bidu nett qatt ma kellu titolu ghalih.

Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kontra kull aspettattiva, kellu jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, li kien hemm interferenza min-naha tal-Istat fit-tgawdija tal-possedimenti tar-rikorrenti, xorta din l-interferenza ghandha tigi meqjusa gustifikabbli taht it-tieni paragrafu tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol, stante li l-uzu tal-fond huwa mehtieg fl-interess generali.

Isegwi ghalhekk li t-tielet parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Ir-rikorrenti qed isostnu li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet qed ifixkilhom fid-drittijiet tal-hajja familjari u “tad-dar taghhom”.

L-ewwelnett, jigi rilevat illi r-rikorrenti ma jistghu qatt jirreferu ghall-fond in kwistjoni bhala “d-dar taghhom”. Il-fond huwa proprjeta’ tal-Gvern moghti b’kirja lill-genituri tar-rikorrenti, liema kirja ilha terminata sa mill-31 ta’ Marzu 2005, u l-unika kerrejja li kellha titolu validu fil-ligi fuq il-fond fil-mument tat-terminazzjoni tal-kirja u cioe’ Salvina Camenzuli, ilha zmien tghix f’akkomodazzjoni alternattiva li giet provduta lilha mill-Gvern stess.

Inoltre, lanqas jista’ jinghad li l-Gvern qed icahhad lir-rikorrenti milli jezercita d-dritt ta’ hajja familjari band’ohra. Tant hu hekk illi, minkejja li r-rikorrenti m’ghandhom ebda titolu validu, il-Gvern xorta diga’ offrielhom xi erba’ jew hames akkomodazzjonijiet alternattivi fosthom appartament gdid fjamant, pero’, ir-rikorrenti baqghu jirrifjutaw dawn l-offerti.

Isegwi ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>It-talba ghal danni jew rimedju iehor</u>**

In vista tas-suespost, hadd mill-esponenti ma vvjola xi dritt fundamentali tar-rikorrenti ghalhekk jirrespingu kull talba ghal danni jew rimedju iehor bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-esponenti jinsistu li r-rikorrenti qed jaghtu interpretazzjoni ghal kollox zbaljata tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom, kif ukoll sabiex tirrevoka d-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2005, fejn issospendiet l-ordni ta' zgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti u dan sabiex l-esponent Kummissarju tal-Artijiet ikun jista' jesegwixxi tali ordni skond il-ligi.

Din il-Qorti kienet diga' pprovdiet fuq it-talbiet originali tar-rikorrenti fit-23 ta' Marzu 2007, u kienet iddecidiet hekk:

"Tiddisponi mill-kawza billi tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, pero' tilqa' t-tieni talba taghhom u tiddikjara bhala nulla u bla effett u tikkancella l-ordni tal-Kummissarju tal-Artijiet mahruga fil-konfront tar-rikorrenti fil-5 ta' Mejju 2005, u tpoggi lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu qabel il-hrug ta' dik l-ordni; oltre dan, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, hemm lok ta' hlas ta' xi danni a favur ir-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet";

Din il-Qorti kienet tat is-sentenza taghha wara li b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2006, kienet cahdet talba tar-rikorrenti li ried li tizdied talba ohra fis-sens li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola ukoll l-artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti kienu appellaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kemm mid-digriet tal-21 ta' Dicembru 2006, li talbu r-revoka tieghu, u kemm mis-sentenza tat-23 ta' Marzu 2007, li taghha talbu r-riforma.

Il-Qorti Kostituzzjonali, bis-sentenza taghha, tat-23 ta’ Gunju 2011, ma dahlitx fil-mertu tal-kaz u ma kkonsidratx l-appell ghar-riforma tas-sentenza finali ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Marzu 2007, izda rrevokat id-digriet li kienet tat il-Qorti fil-21 ta’ Dicembru 2006, u laqghet it-talba tar-rikorrenti biex jizdied paragrafu fir-rikors bil-kliem “*li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea*”. Din il-Qorti aderixxiet ghal din l-ordni, u fl-udjenza tal-11 ta’ Novembru 2011, ordnat li ssir id-debita adizzjoni kif ordnat il-Qorti Kostituzzjonali.

F’din l-udjenza, id-defensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi relatati ghal din it-tielet talba u qaghdu fuq il-provi gia migbura.

Din il-Qorti issa sejra tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din it-talba l-gdida, u dana peress illi hi gia kienet iddecidiet it-talbiet l-ohra marbuta mal-kaz u hi qed tikkonferma, ghal kull buon fini, dik id-decizjoni.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha, l-awtoritajiet kompetenti kienu zbaljaw meta qabdu u hargu ordni ta’ zgumbrament lir-rikorrenti minghajr ma kkoncedew zmien bizzejjed biex dawn ikunu jistghu jikkontestaw dik l-ordni. Din il-Qorti, fil-fatt, kienet osservat illi:

“*Gia intwera li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, iz-zmien moghti ghandu jkun, tal-anqas ta’ 20 jum, biex dak li jkun jipprepara l-kaz tieghu ghal quddiem il-Qrati. Mhux rilevanti li l-intenzjoni li tigi terminata l-kirja giet manifestata mill-Awtoritajiet kompetenti xhur qabel (b’ittra tal-15 ta’ Dicembru 2004), ghax intima li l-kirja mhux se tiggedded mhux l-istess bhall-ordni ta’ zgumbrament fi zmien sebat ijiem! Ta’ l-ewwel taghti x’tifhem li, f’kaz ta’ kontestazzjoni, il-kaz jitressaq il-Qorti ghal decizjoni, pero’, it-tieni ma thallhiex lok ghal dan, ghax hi ordni ezekuttiva b’sahha ta’ ligi li taghti lill-Kummissarju tal-Art, il-poter li anke juza’ l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva biex jizgombra mill-fond lil kull min isib in okkupazzjoni. Ir-rikorrenti kellhom jinghataw il-possibilita’ li jimpunjaw dik l-*

*ordni* *mahruga skond l-Att tal-1972 dwar Zgumbrament minn Artijiet; dan, f'dan il-kaz, ma inghatax. Minkejja l-fatt li jidher li l-Kummissarju ma hax passi immedjati biex jizgombra lir-rikorrenti, iz-zmien moghti hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, irrizorju u mhux ragjonevoli biex wiehed jistenna li r-rikorrenti jipprocedu gudizzjarjament biex iwaqqfu l-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni.*"

Hu car, allura, li r-rikorrenti gew disturbati b'mod illegali fil-pussess li kellhom tal-fond in kwistjoni. It-titolu tar-rikorrenti fuq il-fond ghadu qed jigi kontestat, pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, il-pussess li kellhom ir-rikorrenti kien possediment li ma kellux jigi disturbat jekk mhux wara process validu. L-azzjoni tal-Kummissarju intimat kienet, fic-cirkostanzi, "unlawful" u sehh disturb "formali" tad-dgawdija pacifika li kellhom ir-rikorrenti.

Ghalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni ta' x'jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b'mod wiesa'. In fatti, f'**Mellacher v. Austria (19 December 1989)**, dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabilita' ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk ("A Guide to the Implimentation of Article 1 of Protocol Number 1"), in fatti,

"*...the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide ... range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests.*"

Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta' fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni tieghu ghall-interessi ohra. Ir-rikorrenti ilhom snin twal jabitaw fil-fond flimkien mal-genituri tar-rikorrent, u wara l-mewt ta' missieru, il-kirja, milli jidher, ghaddiet fuq

l-omm li baqghet tghix fil-fond sa mal-awtoritajiet kompetenti sabulha post iehor; ir-rikorrenti, pero', baqghu fil-fond u qed jippretendu titolu fuq l-istess. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tiddeciedi fuq il-validita' o meno ta' din il-pretensjoni, pero', jibqa' l-fatt li r-rikorrenti ghandhom il-pussess tal-fond, pussess li zgur ghandu valur ekonomiku.

Kwindi, in aggunta ta' dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-23 ta' Marzu 2007, tara li l-agir tal-Kummissarju tal-Art kien ukoll bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghal dan il-ksur, din il-Qorti sejra tordna l-hlas ta' €800 bhala kumpens, u jibqghu impreggudikati d-drittijiet tal-intimati li jipprocedu legalment ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond in kwistjoni, si et quatenus, b'mod li r-rikorrenti ikollhom l-opportunita' jikkontestaw talba simili kif spjegat fis-sentenza precedenti ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u in aggunta ma' dak deciz fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2007, tilqa' t-tielet talba gdida tar-rikorrent, tiddikjara li bl-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet sehh ksur ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u marbut ma' dan il-ksur tikkundanna lill-istess Kummissarju tal-Artijiet ihallas lir-rikorrenti, is-somma ta' €800 bhala "just satisfaction" ghal dan l-agir.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------